**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Nru.: 252/2019 RM**

**George Tonna (ID 174367M)**

**-Vs-**

**Electro Fix Limited (C 23111)**

**Illum, 10 ta' Ottubru 2022.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors apprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti fid-29 ta' Ottubru 2019 minn George Tonna fejn talab li s-soċjeta' Electrofix Limited tiġi kkundannata tħallsu somma li tigi llikwidata minn din il-Qorti li ma teccedix l-ammont ta' €11,000 (hdax-il elf ewro) u l-ispejjez u l-imghax dovuti dan bhala kummissjoni dovuta skond il-kuntratt ta' impjieg tar-rikorrent wara waqt li kien fl-impjieg l-istess rikorrent ghamel bejgh ghall-intimati li jwassal ghal kummissjoni kif jigi spjegat ahjar waqt is-smiegh.

Bl-ispejjez kontra taghhom imharrkin ghas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta tas-soċjeta' konvenuta li ġiet ipprezentata fis-6 ta' Jannar 2020 fejn ressqet is-segwenti eċċezzjonijiet:-

1) *Illi strettament minghajr pregudizzju jinghad li l-attur unikament ghazel li jittermina l-impjieg tieghu minn mas-socjeta' konvenuta nhar l-(20) ta' Gunju tal-elfejn u sbatax (2017), u li huwa thallas kwalunkwe kummissjoni li kienet dovuta lilu sat-23 ta' Awissu tal-elfejn u sbatax (2017), cioe' l-ahhar gurnata tal-impjieg tieghu mas-socjeta' konvenuta;*

2) *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kuntratt tal-impjieg tal-attur ma jaghmel l-ebda referenza ghal xi kummissjoni li tista tkun dovuta wara li jigi tterminat l-istess kuntratt tal-impjieg, u ghalhekk l-attur irid jindika minn fejn tohrog din l-allegata obbligazzjoni;*

3) *Illi wkoll strettament minghajr pregudizzju, anke jekk dato ma non concesso din l-Onorabbli Qorti tiddeciedi li mill-qari tal-kuntratt, jista' jkun hemm lok ghall-hlas ta' kummissjoni ulterjuri lil-attur, is-socjeta' konvenuta qeghdha minn issa tirrespingi bhala allegazzjoni nfondata li kien hemm xi xoghol u/jew introduzzjoni li ghamel l-attur, - oltre dak li diga' thallas ghalih - li wassal lis-socjeta' konvenuta sabiex taghmel xi bejgh partikolari u li ghalih hija dovuta kummissjoni lilu.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti, is-socjeta' konvenuta umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tilqa' l-eccezzjonijiet taghha u tichad it-talbiet tal-attur kollha fl-intier taghhom, bl-ispejjez kollha kontra l-attur, li qieghed min issa jigi ngunt in subizzjoni.*

Semghet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ipprezentata mill-attur fit-28 ta' Lulju 2022;

Rat ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet responsiva pprezentata mis-soċjeta' konvenuta fil-15 ta' Settembru 2022;

Rat illi l-kawza kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

**George Tonna, l-attur**, xehed[1] illi huwa kien impjegat mas-soċjeta' konvenuta fuq kuntratt ta' impjeg għal sentejn, bħala *sales representative* fil-bejgħ ta' pannelli solari sija għall-użu domestiku kif ukoll għall-użu kummerċjali u industrjali. Parti minn xogħlu kien li jdur iż-żoni industrjali biex ifittex fejn jista' jsir istallazzjoni ta' pannelli fotovolajtiċi fuq is-soqfa tal-bini industrjali fosthom fabbriki. B'żieda mas-salarju tiegħu, is-soċjeta' konvenuta kienet tħallsu *commission* bl-istess rata fissa fuq kull bejgħ li kien isir bil-ħidma tiegħu u dan il-ħlas dejjem sar mingħajr diffikolta'. Hu kien jirċievi l-ħlas tal-*commission* biss kemm il-darba l-kumpannija tkun tħallset il-prezz kollu u għalhekk, billi ġeneralment il-proċess kollu bejn il-bejgħ u l-istallazzjoni idum diversi xhur, il-kumpannija ġieli wkoll kienet iddum ma tħallsu l-*commission*.

L-attur fisser illi l-kumpannija konvenuta naqset milli tħallsu *commission*s fuq bejgħ ta' pannelli fotovoltajċi li huwa kien ikkonkluda qabel it-tmiem tal-impieg tiegħu: dawn jikkonsistu fi tmien sistemi domestiċi u sistema waħda industrjali[2].

[1] Xhieda tad-19 ta' Frar 2020 u 26 ta' Ottubru 2020.
[2] Ara prospett Dok. GT8, paġna 53 tal-atti tal-kawza.

Rigward il-bejgħ tas-sistema kummerċjali, l-attur xehed illi s-soċjeta' konvenuta kellha ftehim ma' kumpannija bl-isem Inter Finance Limited, biex tiffornixxi sistemi fotovoltajċi għan-negozju tagħha. Spjega illi din il-kumpannija, li kien direttur tagħha ċertu Jurgen Falti, kienet tikri bjut u tiffinanzja l-istallazzjoni ta' pannelli fotovoltajċi abbażi ta' sistema ta' tqassim tal-profitti mas-sid tal-proprjeta'. Għalhekk, huwa kien avviċina lill-kumpannija Cuschieri Aluminium Limited biex jara kienetx interessata tikri bejt lill-kumpannija Inter Finance Limited u tipparteċipa fit-tqassim ta' *revenue generation*. Fl-ewwel laqgħat li kellu ma' Cuschieri Aluminium Limited, liema laqgħat organizzahom huwa stess, kien hemm preżenti d-direttur ta' Inter Finance Limited li ppreżenta l-proposti tiegħu dwar il-proġett tal-kiri u t-tqassim tad-dħul iġġenerat mis-sistema fotovoltajka.

Wara ftit taż-żmien, id-direttur ta' Cuschieri Aluminium Limited ċempillu biex jgħidlu li kien qed jitħajjar jistalla s-sistema fotovolajka huwa stess fuq il-bejt tal-fabbrika tal-kumpannija, mingħajr ma jikri u mingħajr l-intervent ta' Inter Finance Limited. Minħabba f'hekk huwa kellu jerġa' jibda l-proċess mill-ġdid u spjega li dan kien wieħed li kien jeħtieġ żmien twil għaliex is-sistema kienet ta' ċertu daqs u kien hemm bżonn jinbena *substation*. Kemm hu hekk, huwa dam jaħdem fuq dan il-proċess sena u nofs. L-attur ikkonferma li huwa kien preżenti meta sar il-kuntratt tal-bejgħ ma' Cuschieri Aluminium Limited u f'Lulju 2017 huwa ħa ritratti tas-sistema kif istallata fuq il-bejt tal-kumpannija Cuschieri Aluminium. F'Awwissu 2017, meta huwa spiċċa mill-impieg, is-sistema kienet għada qed tiġi istallata. Fil-fatt, is-soċjeta' konvenuta tħallset il-prezz kollu tal-bejgħ u istallazzjoni ta' din is-sistema wara li huwa telaq mill-impieg għaliex kien sar ftehim li l-ħlas isir bin-nifs u sar jaf li l-prezz kollu kien tħallas meta ġie mgħarraf b'dan mill-Accounts Department tal-istess soċjeta' konvenuta. Fir-rigward ġie esebit *Order Confirmation* tal-bejgħ tas-sistema fotovoltajka lis-soċjeta' Cuschieri Aluminium għall-prezz totali ta' €335,061[3].

---

[3] Dok. GT7.

L-attur ikkonferma li l-ammont totali dovut lilu in linea ta' ħlas ta' *commission* fuq il-prezz ta' sistemi fotovoltajċi li nbiegħu bil-ħidma tiegħu u li ġew istallati fiż-żmien meta huwa kien għadu impjegat mas-soċjeta' konvenuta, huwa ta' €10,236.13[4].

**Gilbert Cuschieri**, direttur tas-soċjeta' Cuschieri Aluminium Limited, xehed[5] illi l-attur kien għamel kuntatt miegħu fit-12 ta' Ottubru 2015 biex jiltaqgħu u jiddiskutu proposta għall-istallazzjoni ta' pannelli fotovoltajċi. Spjega illi l-kumpannija tiegħu kienet interessata fl-istallazzjoni ta' pannelli fuq il-bejt tal-fabbrika tagħha u inizzjalment mal-attur ġiet diskussa proposta għall-kiri tal-bejt tal-fabbrika u tqassim ta' profitti, iżda eventwalment, il-kumpannija ddeċidiet li tixtri l-pannelli direttament mingħand is-soċjeta' konvenuta, tramite l-attur, mingħajr l-intervent ta' terzi. Fl-24 ta' Jannar 2017, wara kważi sena u nofs li saret l-ewwel laqgħa mal-attur, sar il-ftehim għall-bejgħ u istallazzjoni tas-sistema fotovoltajka fuq il-bejt tal-fabbrika ta' Cushieri Aluminium Limited u Gilbert Cuschieri kkonferma illi l-firma fuq id-dokument intestat *Order Confirmation* hija ta' missieru li dak iż-żmien kien id-direttur ta' Cuschieri Aluminium Limited. Ikkonferma wkoll illi l-pannelli ġew istallati xi ħames xhur wara li sar il-ftehim u dan sakemm inkisbu l-permessi meħtieġa. Hu għaraf il-pannelli li jidhru fir-ritratti Dok. GT9 u Dok. GT10[6], bħala l-pannelli li l-kumpannija tiegħu xtrat mingħand is-soċjeta' konvenuta.

Meta xehed in kontro-eżami[7], Gilbert Cuschieri ikkonferma li l-kumpannija tiegħu u Electrofix Limited kienu klienti ta' xulxin u madwar seba' snin qabel, il-kumpannija tiegħu kienet istallat aperturi fl-istabbiliment tas-soċjeta' konvenuta. Ikkonferma li għalkemm dak iż-żmien huwa kien tħadded ma' Joseph Schembri, id-direttur tas-soċjeta' konvenuta, fis-sens li ġaladarba l-kumpannija tiegħu tingħata fabbrika mill-Malta Industrial Parks, kellu l-ħsieb li eventwalment jiġu istallati l-pannelli fuq il-bejt tal-fabbrika, ippreċiża illi dak iż-żmien il-fabbrika kienet għadha lanqas ġiet allokata lill-kumpannija Cuschieri Aluminium u għalhekk, ma seta' jsir l-ebda ftehim għall-

[4] Vide prospett Dok. GT8, fol. 53.
[5] Xhieda tat-3 ta' Mejju 2021.
[6] Paġna 54 u paġna 55 tal-atti tal-kawża, rispettivament.
[7] Xhieda tat-23 ta' Marzu 2022.

bejgħ tal-pannelli.  Fisser ukoll illi ma kellu l-ebda obbligu li jixtri l-pannelli bilfors mingħand Electrofix Limited u kien ġab *quotations* għall-istallazzjoni pannelli mingħand kumpanniji oħrajn għalkemm, peress li Electrofix Limited kienet klient tiegħu, kien lest li jagħtiha l-ewwel preferenza.

Gilbert Cuschieri kkonferma wkoll li l-attur George Tonna kien ġie jiltaqa' miegħu flimkien ma' Falti wara li l-kumpannija kienet ħadet il-fabbrika l-ġdida u b'kollox iltaqgħu xi tliet darbiet in konnessjoni mal-proposta li l-bejt tal-fabbrika jinkera għall-istallazzjoni tal-pannelli b'sistema ta' *profit-sharing*.  Iżda mbagħad il-kumpannija ddeċidiet li tixtri l-pannelli hija stess u ħadet self bankarju biex tkun tista' tħallas il-prezz tal-bejgħ u istallazzjoni lis-soċjeta' konvenuta.

**Joseph Schembri, direttur tas-soċjeta' konvenuta** xehed[8] illi mhux minnu li kien l-attur li kien laqqa' lil Cuschieri Aluminium Limited ma' Electrofix Limited għall-fini tal-bejgħ tal-pannelli għaliex fl-ewwel xhur tas-sena 2015, qabel l-attur beda jaħdem ma' Electrofix Limited, hija stess kienet klient tal-kumpannija Cuschieri Aluminium Limited.  Xehed ukoll illi dak iż-żmien huwa kien bena relazzjoni ma' Gilbert Cuschieri u l-kumpannija tiegħu u l-istess Gilbert Cuschieri kien qallu li huwa interessat jistalla pannelli fuq il-bejt tal-fabbrika tiegħu u kien baqa' miegħu li jerġgħu jitkellmu meta jkun komdu jibda bix-xogħol.

Joseph Schembri ikkonferma fix-xhieda tiegħu illi meta daħal jaħdem mas-soċjeta' konvenuta, l-attur qallu li kien kellem lil Gilbert Cuschieri u li dan tal-aħħar kien esprima interess li jistalla l-pannelli.  Hemmhekk huwa għarraf lill-attur li Gilbert Cuschieri kien kien diġa' kellmu żmien qabel biex jistalla l-pannelli u lill-attur tah struzzjonijiet biex jieħu ħsiebu u jara li jaqdi lis-Sur Cuschieri mill-aħjar li jista'. Insista li ma kienx l-attur li introduċa lil Electrofix Limtied ma' Cuschieri Aluminium Limited iżda "*sempliċement mar hemmhekk bħala salesperson li jifhem fit-teknika tal-proġett, sabiex jiġu kkonfermati d-dettallji kollha*" u minħabba f'hekk m'hemm l-ebda

[8] Affidavit, fol. 77 u 78.

*commission* dovut lill-attur fuq dan il-bejgħ. Qal ukoll li l-ftehim ma' Cuschieri Aluminium ġie ffirmat minnu stess fuq il-post.

Meta xehed in kontro-ezami Joseph Schembri rrikonoxxa li l-*commission* fuq l-bejgħ tal-pannelli domestiċi, fl-ammont komplessiv ta' €920.36 huwa dovut lill-attur u kien offrielu l-ħlas, iżda l-attur ma aċċettax[9]. Huwa kkonferma illi fil-każ ta' dawn il-pannelli domestiċi, l-istallazzjoni saret matul is-sena 2017 u l-ħlas mill-klienti sar wara li għalaq il-perijodu tal-impieg tal-attur.

In kwantu għall-bejgħ li sar lill-kumpannija Cuschieri Aluminium Limited, Joseph Schembri xehed illi Electrofix Limited kienet qabbdet lil Cuschieri Aluminium Limited biex tagħmel xogħol ta' *finishing* tal-faċċata tal-istabbiliment tagħha u fil-proċess ta' dawn ix-xogħolijiet, Gilbert Cuschieri kien qallu li jrid jistalla pannelli fuq il-bejt tal-fabbrika. Meta l-attur daħal jaħdem mas-soċjeta' konvenuta, xogħolu kien li jfittex *premises* u spazji kbar fejn jistgħu jsiru proġetti kummerċjali ta' istallazzjoni ta' pannelli solari. Ikkonferma illi darba fost l-oħrajn, l-attur qallu li kien għadda għand Cuschieri Aluminium Limited fejn qalulu li kienu interessati fil-pannelli. Joseph Schembri kkonferma illi l-attur kien għamel proposta lil Cuschieri Aluminium Limited kif ukoll *presentation* fuq il-proġett tal-pannelli u li dan il-proġett sar abbażi tal-proposta li saret mill-attur iżda kif imfassla mill-inġiniera. Ikkonferma wkoll li probabbilment, kienu saru laqgħat bejn l-inġinier u l-attur fir-rigward il-proġett ta' Cuschieri Aluminium. Xehed iżda, illi apparti l-bejgħ tal-pannelli lil Cuschieri Aluminium li kien sar bis-saħħa tal-ftehim verbali li huwa diġa' kellu ma' Gilbert Cuschieri, l-attur qatt ma kkonkluda l-ebda bejgħ ta' pannelli għal proġetti kummerċjali.

Għalkemm ikkonferma li jaf lil Jurgen Falti u afferma wkoll li kienu ħadmu fuq xi proġetti żgħar flimkien, ma jiftakarx li l-attur kien iltaqa' ma' Cuschieri flimkien ma' Jurgen Falti dwar proposta ta' Falti li jinvesti fl-istallazzjoni ta' pannelli solari fuq il-bejt tal-fabbrika ta' Cuschieri. Ikkonferma iżda li huwa kellu ftehim ma' Falti biex

[9] Ara kontro-ezami ta' Joseph Schembri, 2 ta' Frar 2022, fol. 85.

jipprovdu l-pannelli f'każ li jikkonkludi ftehim ma' terzi biex jinvesti fl-istallazzjoni ta' pannelli solari u ċaħad li jaf b'xi relazzjoni oħra bejn l-attur u Falti.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob il-ħlas ta' *commission* dovut lilu abbażi tal-kuntratt tal-impieg tiegħu mas-soċjeta' konvenuta, liema impieg intemm fl-20 ta' Awwissu 2017. Is-soċjeta' konvenuta tilqa' għal din it-talba billi filwaqt li ma tikkontestax id-dritt kontrattwali tal-attur għall-ħlas ta' *commission* matul il-perijodu tal-impieg tiegħu, tikkontendi illi l-obbligu tagħha għall-ħlas ta' *commission* spiċċa hekk kif skada b'mod definittiv iż-żmien stabbilit għall-impieg tal-attur. Tisħaq ukoll li hija ħallset lill-attur l-ammonti kollha li kienu dovuti lilu in linea ta' *commission* sakemm baqa' impjegat magħha.

Il-kuntratt tal-impieg konkluż bejn l-attur u s-soċjeta' konvenuta fil-21 ta' Awwissu 2015[10] għal terminu definit ta' sentejn, jistipola illi l-attur għandu dritt sa mid-data tal-bidu tal-impieg tiegħu mas-soċjeta' konvenuta[11], għall-ħlas ta' *commission* "*on his net sales made to approved customers*". Ġie wkoll pattwit fl-istess kuntratt illi l-*commission* dovut lill-attur irid jitħallas lilu sa mhux iktar tard minn tletin ġurnata mill-ħlas sħiħ tal-prezz tal-bejgħ mill-klient lis-soċjeta' konvenuta (klawsola 2.3 u klawsola 2.5 fil-kuntratt tal-impieg), u dan fir-rata ta' 3% fuq bejgħ annwali f'ammont komplessiv minn Euro sa miljun Euro u bir-rata ta' 3.5% fuq bejgħ annwali f'ammont komplessiv ta' €1,000,001 u iktar, liema *commission* jiġi kalkolat fuq il-prezz tal-bejgħ eskluż VAT (klawsola 2.2 fil-kuntratt tal-impieg).

Il-Qorti tibda biex tosserva illi ġaladarba bejn il-partijiet jirriżulta li hemm konvenzjoni – f'dan il-każ il-konvenzjoni saret bil-miktub - din għandha tiġi osservata għaliex hija l-espressjoni manifesta tal-volonta` tal-partijiet: *pacta sunt servanda*. Kif

---

[10] Dok. GT1 f'paġna 22 *et sequitur* tal-atti tal-kawża.

[11] 24 ta' Awwissu 2015.

inhuwa ritenut b'mod paċifiku fil-ġurisprudenza in materja, il-prinċipju fondamentali u regolamentari fil-liġi tal-kuntratti:-

"*jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali għandu jiġi rispettat u li hi l-volontà tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tiġi osservata. Pacta sunt servanda.*" [12]

Fis-sistema ġuridika Maltija, dan il-kunċett huwa inkorporat fl-Artikolu 992 tal-Kodiċi Ċivili. Huwa relevanti in tema wkoll il-prinċipju tal-*buona fede* fl-eżekuzzjoni tal-kuntratti, li huwa kunċett li jsib il-fondament tiegħu fil-prinċipji ta' ġustizzja, raġjonevolezza u onesta` u, bħall-prinċipju ta' *pacta sunt servanda*, jikkostitwixxi wkoll prinċipju kardinali tal-liġi kontrattwali li jinsab manifestat fl-Artikolu 993 tal-Kodici Civili. Dan jeħtieġ illi t-termini kontrattwali li jkunu ġew pattwiti bejn il-partijiet kontraenti, jigu rispettati u onorati u jobbligaw mhux biss għal dak li jingħad fihom, iżda wkoll għall-konsegwenzi kollha li ġġib magħha l-obbligazzjoni.

Huwa minnufih ċar minn qari tal-kuntratt tal-impieg illi d-dritt tal-attur għall-ħlas ta' *commission* jiskatta hekk kif fil-kors tal-impieg tiegħu mas-soċjeta' konvenuta, huwa jikkonkludi l-bejgħ ta' xi prodott minn tagħha lil xi klient approvat minnha, bir-riżerva li l-ħlas ta' dan il-*commission* isir biss ġaladarba l-klient ikun ħallas il-prezz sħiħ tal-prodott jew servizz mibjugħ, f'liema każ il-kumpannija tkun marbuta tħallas il-*commission* dovut lill-attur entro tletin ġurnata. **Il-kuntratt ma fih l-ebda stipolazzjoni li tirregola sitwazzjoni fejn il-ħlas sħiħ mill-klient tal-prezz tal-bejgħ, għad illi l-bejgħ ikun ġie konkluż mill-attur waqt il-perijodu tal-impieg tiegħu, isir wara t-temm tal-perijodu tal-impieg tal-attur mas-soċjeta' konvenuta: stipolazzjoni li l-Qorti tistenna li kienet tiffigura espressament fil-kuntratt tal-impieg kieku s-soċjeta' konvenuta riedet tassigura ruħha li l-attur ma jibqax intitolat jirċievi l-ebda ħlas ta' *commission* wara li ma jkunx għadu impjegat tagħha**.

[12] Qorti tal-Appell - 5 ta' Ottubru, 1998 – **Gloria mart Jonathan Beacom et vs L-Arkitett u Inġinier Ċivili Anthony Spiteri Staines**

Is-soċjeta' konvenuta targomenta illi kieku l-intenzjoni tal-partijiet kienet li l-attur ikollu dritt għall-ħlas ta' commission fuq bejgħ li jitħallas wara t-temm tal-impieg tal-attur, dan l-obbligu kien jiġi stipolat fis-sezzjoni tal-kuntratt tas-servizz intestat "*Obligations Continuing After Termination*". Il-Qorti ma taqbilx. Hu evidenti li l-obbligi kuntrattwali stipolati f'din is-sezzjoni huma intiżi biex jirregolaw l-obbligi tal-impjegat magħrufin tradizzjonalment bħala *restraint of trade clauses* u mhux obbligi tal-kumpannija. Fost dawn l-obbligi stipolati fis-sezzjoni in diżamina tal-kuntratt, insibu obbligu ta' kunfidenzjalita' u l-projobizzjoni ta' ċerti attivitajiet da parti tal-impjegat. fosthom li jittratta ma' klijenti tal-kumpannija.

Fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Clive Simpson noe vs John Saliba noe**[13], il-Prim'Awla tal-Qorti Civili qalet hekk in propositu:-

"*... huwa prinċipju ta' dritt li meta ftehim jiġi redatt bil-miktub, il-kontenut tal-istess ftehim għandu joħroġ mill-istess kitba, inatteż id-diskussjonijiet u kif dawn żvolgew.* ***Hu preżunt li dak li l-partijiet ikunu ftiehmu fuqu, jkun ġie mniżżel fil-kitba, u dak li jkun diskuss iżda ma jirriżultax mill-kitba, jitqies jew li ma sarx qbil fuqu jew li ġie rinunzjat*** *(ara* **Frendo vs. Caruana**, *deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-28 ta' Jannar, 1999). Kwindi, fejn il-kitba hi ċara, dak li kien miftiehem għandu joħroġ mill-istess kitba u mhux minn dak li seta' kellhom f'moħħom il-partijiet (ara* **Brincat vs. Saliba**, *deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-14 ta' Novembru 1983).*" (emfasi ta' din il-Qorti)

Il-Qorti tistenna illi jekk il-kumpannija riedet tillimita l-obbligu tagħħha għall-ħlas tal-commission lill-attur, din il-limitazzjoni kienet tinsab fost il-klawsoli li jirregolaw il-ħlas tal-*commission* iżda kif diġa' ngħad, l-obbligu tal-kumpannija għal dan il-ħlas huwa limitat biss bil-parametri espressament imsemmija fil-klawsoli li jittrattaw il-ħlas tal-*commission*, speċifikatament il-klawsola numru 2.5 li tistabbilixxi tabilħaqq

[13] Deciza fit-22 ta' Gunju 2004.

id-data li fiha tiskatta l-obbligu tal-ħlas tal-*commission* iżda evidentement tonqos milli tistabbilixxi wkoll id-data li fiha jintemm dan l-istess obbligu.

Kif ġie ritenut ukoll mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Francis Paris et vs Maltacom plc**[14]:-

"*Dan hu konformi mal-principju li darba bejn il-partijiet hemm ftehim li jirregola r-relazzjonijiet ta' bejniethom, hu prezunt li qabel ma iffirmaw dak il-ftehim qiesu c-cirkustanzi tal-kaz u l-interessi taghhom, u* ***allura darba iffirmaw il-kuntratt, huwa dak il-kuntratt li jissanzjona r-relazzjonijiet ta' bejn il-kontendenti, u mhux xi principju iehor, ancorche' bazat fuq l-ekwita'****. Il-principju tar-rispett ghal volonta' tal-partijiet huwa wiehed fondamentali u* ***dak li ftehmu fuqu il-partijiet ghandu "forza ta' ligi" ghalihom*** *(artikolu 992 tal-Kodici Civili), u l-Qorti m'ghandhiex tuza d-diskrezzjoni taghha biex tissostitwixxi ghal dak li ftehmu l-partijiet il-volonta' taghha.*" (emfasi ta' din il-Qorti)

B'applikazzjoni ta' dan l-insenjament u minn qari tal-istipolazzjonijiet relevanti fil-ftehim, meħudin flimkien, hija l-fehma tal-Qorti li l-kliem tal-konvenzjoni bejn il-partijiet huwa inekwivoku u ma jeżisiti ebda dubju kwalsiasi dwar it-tifsira u l-iskop tal-patt konvenzjonali dwar l-obbligu tas-soċjeta' konvenuta għall-ħlas tal-*commission*, obbligu li għalhekk jibqa' jissussisti u huwa enforzabbli anke wara t-tmiem tal-impieg tal-attur in kwantu għal dak il-bejgħ li jkun diġa' ġie konkluż minnu matul il-perijodu operattiv tal-kuntratt tal-impieg. Il-Qorti tirribadixxi illi fin-nuqqas ta' stipolazzjoni espliċita fil-kuntratt li teskludi d-dritt għall-ħlas ta' *commission* f'ċirkostanzi bħal dawn, l-attur huwa intitolat għall-ħlas ta' *commission* fuq kull bejgħ konkluż minnu matul il-perijodu ta' impieg tiegħu mas-soċjeta' konvenuta u huwa immaterjali l-fatt illi l-ħlas sħiħ tal-prezz tal-bejgħ ikun sar mill-klient wara li jkun intemm l-impieg tal-attur[15].

---

[14] Deciza 7 ta' Ottubru 2004.

[15] Ara s-sitwazzjoni ġuridika inversa fil-kawża fl-ismijiet **Luca Toccafondo v. Sara Grech Limited**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-7 ta' Ottubru 2022.

**Tant hu hekk illi tabilħaqq din l-interpretazzjoni qablet magħha s-soċjeta' konvenuta nnifisha meta mill-atti u mill-provi jirriżulta li hija aċċettat li tħallas lill-attur il-*commission* fuq bejgħ ta' pannelli solari li huwa kien ikkonkluda matul il-perijodu tal-impieg tiegħu iżda l-ħlas relattiv sar mill-klienti rispettivi f'Settembru 2017, ċioe' wara t-tmiem tal-impieg tal-attur.** Fil-fatt, Joseph Schembri, id-direttur tas-soċjeta' konvenut ikkonferma fid-depożizzjoni tiegħu in kontro-eżami illi s-somma ta' €920.36 (parti mill-ammont li l-attur qed jirreklama l-ħlas tiegħu f'din il-kawża) rappreżentanti *commission* fuq bejgħ ta' pannelli solari magħmul mill-attur lil tmien klienti differenti iżda fejn il-prezz sħiħ tħallas mill-klienti rispettivi f'Settembru 2017, huwa dovut lill-attur[16]. Stqarrija li tinsab ukoll fil-korrispondenza skambjata bejn l-attur u Romina Dalli għan-nom tas-soċjeta' konvenuta riferibbilment għall-ħlas ta' *commission* dovut lilu għax-xahar ta' Settembru 2017[17].

Dan ifisser illi l-ħlas pretiż mill-attur in linea ta' *commission* fuq il-bejgħ li sar lill-ħames persuni[18] indikati fil-korrispondenza mibgħuta għan-nom tas-soċjeta' konvenuta fit-12 ta' Ottubru 2017 (paġna 32 tal-atti tal-kawża) u fl-invoice relattiv maħruġ mill-attur (Dok. GT3 f'paġna 40 tal-atti tal-kawża), fis-somma totali ta' €920.36, huwa dovut lilu.

Ikkunsidrat;

Stabbilit illi l-attur għandu dritt li jirċievi mingħand is-soċjeta' konvenuta l-ħlas ta' *commission* fuq bejgħ li huwa għamel tal-prodotti u servizzi ta' Electrofix Limited lil klienti approvati matul iż-żmien tal-impieg, anke jekk il-kumpannija tkun irċeviet il-ħlas tal-prezz sħiħ wara li spiċċa mill-impieg tiegħu, jonqos li jiġi determinat jekk it-

---

[16] Ara prospett Dok. GT8 f'paġna 53 tal-atti tal-kawża.

[17] Ara *email* Dok. GT2 f'paġna 31 u 32 tal-atti tal-kawża.

[18] Joseph Caruana €110.76; Ian Caruana €166.25; David Grima €217.62; Joseph Cassar €214.64 u Stefan Calamatta €211.09.

talba tal-attur għall-ħlas ta' *commission* fis-somma ta' €8,518.50 fuq il-bejgħ ta' sistema fotovoltajka lil Cuschieri Aluminium Limited, hijiex mistħoqqa.

Mill-provi jirriżulta illi l-kumpannija Cuschieri Aluminium Limited xtrat sistema fotovoltajka mingħand is-soċjeta' konvenuta f'Jannar 2017, ċioe' fi żmien meta l-attur kien għadu impjegat tagħha. L-*Order Confirmation* relattiv huwa datat 25 ta' Jannar 2017 u jinsab iffirmat mill-attur George Tonna u minn missier Gilbert Cuschieri, id-direttur dak iż-żmien tal-kumpannija Cuschieri Aluminium Limited. Is-soċjeta' konvenuta tikkontendi illi l-attur m'huwa dovut l-ebda *commission* fuq dan il-bejgħ għaliex ma għamel l-ebda introduzzjoni jew xi xogħol li wassal għall-konklużjoni ta' dan il-bejgħ.

Joseph Schembri, id-direttur tas-soċjeta' konvenuta xehed illi addirittura qabel l-attur beda jaħdem ma' Electrofix Limited, huwa kien diġa' ftiehem verbalment ma' Gilbert Cuschieri illi kien ser ibiegħlu l-pannelli solari, ftehim li huwa jgħid sar għall-ħabta tas-sena 2015 meta Cuschieri Aluminium Limited kienet qed tistalla aperturi fl-istabbiliment tas-soċjeta' konvenuta. Għalhekk, huwa insista illi jekk l-attur kellu xi involviment fil-bejgħ eventwali tal-pannelli solari lil Cuschieri Aluminium Limited, dan l-involviment sar fuq struzzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta abbażi tal-ftehim ġia' milħuq mal-klient u konsegwentement, m'hu intitolat għal ebda *commission* fuq dan il-bejgħ.

Madankollu, din il-verżjoni ġiet kontradetta mhux biss mill-attur iżda iktar sinjifkanti minn hekk, minn Gilbert Cuschieri nnifsu li meta xehed, eskluda inekwivokabbilment illi huwa kien daħal f'xi ftehim ma' Electrofix Limited fiż-żmien meta l-kumpannija tiegħu kienet qed tistalla xi aperturi fl-istabbiliment tas-soċjeta' konvenuta. Filwaqt li huwa kkonferma li hu minnu li lid-direttur ta' Electrofix Limited kien qallu li kien interessat li eventwalment jistalla pannelli solari fuq il-bejt tal-fabbrika tal-kumpannija, dak iż-żmien il-kumpannija kienet għadha lanqas ġiet allokata fabbrika mingħand il-Gvern u għalhekk huwa lanqas seta' jikkonkludi xi ftehim biex jixtri l-pannelli.

Gilbert Cuschieri xehed: "*Ma kienx sar ftehim le, dak li qed ngħid, jien lanqas stajt, jiġifieri*."

Il-Qorti ħadet qies ukoll tal-fatt illi fix-xhieda tiegħu, Gilbert Cuschieri emfasizza illi l-kumpannija tiegħu kienet libera tixtri l-pannelli mingħand kwalunkwe supplier mingħajr ebda obbligu li tixtrihom mingħand Electrofix Limited, tant illi huwa kien ġab *quotations* għall-istallazzjoni pannelli mingħand kumpanniji oħrajn qabel iddeċieda li jixtrihom mingħand is-soċjeta' konvenuta. Għaldaqstant, il-verżjoni tas-soċjeta' konvenuta li kien diġa' ntlaħaq ftehim ma' dan il-klient u li r-rwol tal-attur li kien sempliċement biex jagħti xi informazzjoni dwar il-pannelli jew li jikkonkludi l-irqaqat tal-bejgħ, m'hijiex verosimili.

In kwantu għall-involviment effettiv li kellu attur f'dan il-bejgħ, Gilbert Cuschieri kkonferma illi l-attur kien għamel kuntatt miegħu fit-12 ta' Ottubru 2015 wara li l-fabbrika kienet ġiet allokata lil-kumpannija Cuschieri Aluminium Limited. Għalkemm il-proposta inizzjali tal-attur dak iż-żmien kienet għall-kiri tal-bejt tal-fabbrika għall-istallazzjoni ta' pannelli solari u tqassim ta' profitti, huwa kkonferma illi l-kumpannija eventwalment iddeċidiet li tixtri l-pannelli direttament hija stess mingħand is-soċjeta' konvenuta, tramite l-attur.

Il-Qorti tosserva illi mill-provi ma jirriżultax illi l-attur kien ingħata struzzjonijiet speċifiċi mid-direttur tas-soċjeta' konvenuta biex imur għand Cuschieri Aluminium Limited biex ifittex ibiegħlha l-pannelli u dan mhux kontestat mill-istess konvenuta. Fil-fatt, Joseph Schembri imkien ma qal li huwa bagħat lill-attur għand din il-kumpannija biex jifformalizzaw il-ftehim verbali li kien diġa' ntlaħaq. Għall-kuntrarju, huwa xehed illi kien l-attur li qallu li mar għand Cuschieri Aluminium Limited fejn Gilbert Cuschieri kien esprima interess li jixtri l-pannelli. Minn dan, il-Qorti fehmet illi **l-attur kien mar għand din il-kumpannija mhux għaliex kien ingħata struzzjonijiet mingħand id-direttur tas-soċjeta' konvenuta biex jagħmel dan, iżda minn jeddu, u dan proprju għaliex kien xogħlu jdur iż-żoni**

**kummerċjali biex ifittex bejgħ ta' pannelli**. Il-fatt illi dak iż-żmien għamel dan il-kuntatt biex jagħmel u jiddiskuti proposta mhux għall-bejgħ dirett ta' pannelli, iżda skema għall-kiri tal-bejt tal-fabbrika għall-istallazzjoni ta' pannelli bi sħab mal-kumpannija Inter Finance Limited, huwa immaterjali. Il-fatt jibqa' illi kien l-attur spontanjament li stabbilixxa l-kuntatt ma' Cuschieri Aluminium Limited u nnegozja l-bejgħ u l-istallazzjoni tas-sistema fotovoltajka kif ukoll ħadem il-proċess kollu tal-bejgħ sal-konklużjoni tiegħu u m'għamilx dan fuq struzzjonijiet tal-kumpannija konvenuta jew biex ikompli proċess jew ftehim li kien diġa' eżistenti.

In kwantu għall-pretensjoni tal-attur għall-ħlas ta' *commission* fuq dan il-bejgħ lil Cuschieri Aluminium Limited, jirriżulta mill-provi illi meta din il-kumpannija iddeċidiet li tixtri l-pannelli hija stess mingħajr sħubija ma' terzi, hija xtrathom mingħand is-soċjeta' konvenuta **billi għamlet kuntatt mal-attur u kien l-attur illi kien is-*sales representative* li ħa ħsieb biex jiġi konkluż dan il-bejgħ**: kemm hu hekk, id-direttur tas-soċjeta' konvenuta afferma fix-xhieda tiegħu illi l-attur kien għamel *presentation* fuq il-proġett tal-pannelli kif ukoll rikonoxxa li probabbilment saru laqgħat bejn l-inġinier u l-attur fir-rigward il-proġett ta' Cuschieri Aluminium. Iżda fuq kollox, fl-*Order Confirmation* l-attur ġie indikat b'ismu bħala *sales representative* fuq dan l-bejgħ, ħaġa li fil-fehma tal-Qorti tkompli tafferma l-fatt illi dan il-bejgħ kien wieħed minn "*his ... sales made to* (an) *approved customer...*"[19]. Huwa stabbilit ukoll illi dan il-bejgħ sar matul iż-żmien meta l-attur kien għadu impjegat mas-soċjeta' konvenuta u l-istallazzjoni tal-pannelli bdiet issir addirittura qabel l-attur spiċċa mill-impieg. Minn dan kollu, il-Qorti tqis li l-involviment tal-attur f'dan il-bejgħ u l-fatt illi dan il-bejgħ ġie konkluż bil-ħidma tal-attur wara proċess li dam sejjer diversi xhur, huwa indiskuss.

Il-kuntratt tal-impieg imkien ma jesiġi bħala kundizzjoni għad-dritt għall-ħlas ta' *commission*, li l-impjegat irid ikun introduċa l-klient lill-kumpannija iżda jeħtieġ biss, biex dan id-dritt jiskatta, li l-impjegat ikun biegħ lill-klient prodott jew servizz offruta

[19] Klawsola 2.2 tal-kuntratt tal-impieg.

mill-prinċipal tiegħu ("*his net sales made to approved customers*"). Il-fatti ta' dan in-negozju, kif joħorġu mill-atti u mill-provi, ma jħallu l-ebda dubju f'moħħ il-Qorti illi l-bejgħ li sar lil Cuschieri Aluminium Limited f'dan il-każ sar minn ħadd iktar ħlief mill-attur u bil-ħidma tiegħu biss u f'kull każ, kif diġa' stabbilit, huwa eskluż li l-kuntatt li għamel l-attur mal-klient sar biss fuq struzzjonijiet biex jiġi konkluż bejgħ li kien diġa' maqbul. F'kull każ, is-soċjeta' konvenuta baqgħet ma wrietx illi kien hemm xi ħadd ieħor, fosthom Joseph Schembri nnifsu, li ħadem minflok l-attur biex jiġi effettivament konkluż il-bejgħ tal-pannelli lil Cuschieri Aluminium Limited.

Fuq kollox, is-soċjeta' konvenuta baqgħet ma wrietx li dan il-bejgħ kien ġie espressament eskluż mill-iskop tal-patt konvenzjonali fil-kuntratt tal-impieg tal-attur għall-ħlas ta' *commission* u fil-fatt, għandu jingħad illi l-kuntratt tal-impieg ma jeskludix mill-iskop tad-dritt pattwit fil-klawsola 2.2, l-ebda bejgħ speċifiku u jew bejgħ lil xi klient jew klienti partikolari imsemmijin b'isimhom. Dan premess, il-Qorti tistenna illi *de minimis*, l-attur kellu jiġi mgħarraf bil-pożizzjoni meħuda mis-soċjeta' konvenuta dwar il-ħlas tal-*commission*, tempestivament, hekk kif l-attur informaha li kien għamel kuntatt ma' Cuschieri Aluminium Limited u kienet interessata fl-istallazzjoni ta' pannelli solari. Iżda mix-xhieda ma jirriżultax illi l-attur kien ġie mgħarraf f'xi waqt - la qabel u lanqas wara il-bejgħ - li ma kellux dritt għall-ħlas ta' *commission* fuq il-bejgħ lil Cuschieri Aluminium Limited.

Għaldaqstant, abbażi tad-dritt stipolat fil-kuntratt tal-impieg tiegħu, il-Qorti tqis li l-attur għandu dritt għall-ħlas ta' commission fuq il-bejgħ li sar lil Cuschieri Aluminium Limited abbażi tal-*Order Confirmation* datat 25 ta' Jannar 2017.

Mhux kontestat mis-soċjeta' konvenuta illi l-prezz tal-pannelli ordnati minn Cuschieri Aluminium Limited u istallati fl-istabbiliment tagħha, tħallas *in toto* u ma tikkontestax lanqas il-*quantum* tal-*commission* pretiż mill-attur fuq dan il-bejgħ. Fil-fatt, il-Qorti

taqbel illi s-somma ta' €8,518.50 tirrappreżenta 3% tal-prezz tal-bejgħ in diżamina, eskluż VAT[20], skont kif jirriżulta mill-*Order Confirmation* (Dok. GT8).

Ikkunsidrat;

Kif diġa' deċiż, l-attur għandu dritt jirċeivi l-ħlas ta' *commission* fuq il-bejgħ li sar lill-ħames persuni[21] indikati f'Dok. GT3 (f'paġna 40 tal-atti tal-kawża), fis-somma totali ta' €920.36.

Iżda l-attur jippretendi illi jitħallas ukoll *commission* fuq il-bejgħ li ġie konkluż ma' tliet klienti oħra li xtraw il-prodott tas-soċjeta' konvenuta bil-ħidma tiegħu, fis-somma addizzjonali komplessiva ta' €797.26[22]. Madankollu, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-attur hawnhekk naqas milli jressaq provi biżżejjed biex juri li skatta d-dritt tiegħu għall-ħlas ta' *commission* fuq dawn it-tliet transazzjonijiet appena msemmija u diversament mill-bejgħ lill-ħames klienti li xtraw sistema domestika u l-bejgħ lil Cuschieri Aluminium Limited, il-prova tal-ħlas tal-prezz tas-sistema, hija nieqsa fil-każ ta' dawn il-ħames klienti.

Kif rajna, skont il-kuntratt tal-impieg, id-dritt tal-attur li jirreklama *commission* jiskatta mal-bejgħ ta' prodott jew servizz lil klient approvat, filwaqt illi l-obbligu korrispondenti tas-soċjeta' konvenuta għall-ħlas jiskatta biss ġaladarba hija tirċievi l-ħlas sħiħ tal-prezz tal-bejgħ. L-attur ressaq biss prospett (Dok. GT8) li jelenka l-klienti tas-soċjeta' konvenuta li lilhom biegħ sistema fotovoltajka u l-ammont pretiż tal-*commission* fuq kull waħda minn dawn it-transazzjonijiet iżda mkien ma ressaq prova li dawn il-persuni effettivament xtraw sistema fotovoltajka jew prodott jew servizz ieħor mingħand is-soċjeta' konvenuta. Fil-fatt, l-attur mhux biss naqas milli jressaq l-*Order Confirmations* relattivi biex juri li l-bejgħ ġie konkluż, iżda naqas

[20] €283,950.

[21] Joseph Caruana €110.76; Ian Caruana €166.25; David Grima €217.62; Joseph Cassar €214.64 u Stefan Calamatta €211.09.

[22] Din is-somma hija komposta minn €212.61 (bejgħ lil M. Attard); €373.56 (bejgħ lil E. Garzia) u €211.09 (bejgħ lil R. Borg).

ukoll milli jipproduċi bħala xhieda lil dawn il-klienti biex jaffermaw illi xtraw mingħand is-soċjeta' konvenuta kif ukoll li ħallsuha l-prezz sħiħ tal-bejgħ. Huwa minnu illi mill-korrispondenza elettronika esebita fl-atti jirriżulta li l-attur kien qiegħed jippretendi mingħand is-soċjeta' konvenuta l-ħlas ta' commission fuq orders bir-referenzi SO1839, SO1846, SO1804 u SO1344 iżda m'hemm xejn fl-atti li juri illi dawn l-ordnijiet jirreferu għall-istess klienti u l-istess bejgħ li hemm indikat fil-prospett Dok. G8, fejn m'hemm l-ebda referenza għan-numru tal-ordni. Mill-korrispondenza fuq imsemmija, mibgħuta fis-6 ta' Diċembru 2017[23], il-Qorti fehmet illi s-soċjeta' konvenuta affermat illi l-ordnijiet SO1839, SO1846, SO1804 u SO1344 jirreferu għall-bejgħ li kien għamel l-attur iżda kienet qiegħda ssostni li f'kull każ il-prezz sħiħ ma kienx għadu tħallas lilha. Għall-Qorti dan ifisser illi s-soċjeta' konvenuta ma kienetx, sa dak iż-żmien, obbligata tħallas lill-attur il-*commission* fuq il-bejgħ.

Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fil-kawża. Fis-sentenza mogħtija fid-19 ta' Novembru 2013 fl-ismijiet **Peter Montebello v. Peter Montebello et**, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qalet hekk:-

"*... il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju rajonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f' mohh il-gudikant. Din c-certezza morali rikjesta f' kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabbiltajiet.* ***Mera possibbilta' mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabbilta' civili.***"[24] (emfasi ta' din il-Qorti)

L-attur madankollu, anke rinfaċċjat bil-pożizzjoni tas-soċjeta' konvenuta fir-Risposta tagħha li hija kienet ħallsitu kull ammont dovut lilu in linea ta' *commission* sat-23 ta'

---

[23] Dok. GT2, folio 37.

[24] Ara wkoll Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, deċiża 28.4.2004: **Frank Giordmania Medici et vs William Rizzo et**.

Awwissu 2017, baqa’ ma ressaq l-ebda prova oħra li turi illi in segwitu għal dik il-korrispondenza elettronika skambjata bejn il-partijiet, is-soċjeta’ konvenuta rċeviet il-ħlas sħiħ tal-prezz tal-bejgħ mill-imsemmija tliet klienti, fl-ammont komplessiv ta’ €797.26. In-nuqqas tal-konvenut li jikkontradixxi l-allegazzjoni m’huwiex biżżejjed biex jissodisfa l-oneru mixħut fuq l-attur li jissostanzja b’evidenza konkreta l-elementi jeħtieġu li jiġu ppruvati it-talba tiegħu jkollha eżitu favorevoli. Kif inhu assodat in materja, il-mera possibbilita’ mhijiex biżżejjed biex issawwar il-konvinċiment meħtieġ f’azzjoni ċivili għas-suċċess tal-azzjoni.

Fis-sentenza moghtija fis-17 ta’ Marzu 2003 mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Enrico Camilleri vs Martin Borg**, ġie ritenut li:

*“Il-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet.”*

Fl-istess sentenza ingħad ukoll illi meta:-

*“... ma jkunx jista' jinghad li tirrizulta dik ic-cirkostanza determinanti li tissoda l-konvinciment tal-Qorti favur tezi u mhux l-ohra, f'tali sitwazzjoni ma jibqax lecitu ghall-gudikant li jifforma opinjoni motivata fuq preponderanza ta' probabilitajiet. Jehtieglu jasal biss ghall-konkluzjoni li l-attur ma jkunx sodisfacentement u konkludentement ipprova t-talbiet tieghu. Actor non probante, reus absolvitur.”*

Huwa minnu li Joseph Schembri xehed[25] illi l-attur kellu dritt jirċievi l-*commission* fuq bejgħ li kien għamel u li ġie mħallas mill-klient wara li l-attur kien telaq mill-impieg tiegħu, iżda huwa daqstant manifest illi din l-affermazzjoni ta’ Joseph Schembri saret limitatament in kwantu għas-somma ta’ €920.36 u speċifikatament

[25] Xhieda in kontro-eżami ta’ Joseph Schembri, 2 ta’ Frar 2022.

b'referenza għas-segwenti klienti li semmihom b'isimhom fid-depożizzjoni tiegħu: Joseph Caruana, Ian Caruana, David Grima, Joseph Cassar u Stefan Calamatta[26]. M'hemmx prova, la li s-soċjeta' konvenuta rċeviet il-prezz sħiħ mingħand il-klienti l-oħra indikati fil-prospett Dok. GT8 u lanqas illi hija aċċettat u rikonoxxiet l-obbligu tagħha għall-ħlas tal-ammont dovut f'*commission* fuq dan il-bejgħ u l-Qorti żgur li m'hijiex sejra tispekola dwar jekk il-pagamenti laħqux saru jew le. Għalhekk, mankanti dawn il-provi li huma fondamentali għas-suċċess tat-talba għall-ħlas tal-*commission* - prova li del resto kienet tispetta unikament lill-attur - il-Qorti ma tistax tilqa' t-talba tiegħu għall-ħlas tas-somma rimanenti ta' €797.26.

**Għal dawn il-motivi kollha, taqta' u tiddeċiedi illi filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjeta' konvenuta izda biss safejn mhux kompatibbli ma' dak hawn deċiż, tilqa' parzjalment it-talba tal-attur GEORGE TONNA u tikkundanna lil ELECTROFIX LIMITED tħallas lill-istess attur is-somma ta' disat elef erba' mija u tmienja u tletin Euro u sitta u tmenin ċenteżmu (€9,438.86) għar-raġunijiet imfissrin fir-Rikors promotur, bl-imgħax mid-data tal-preżentata tal-istess Rikors, ċioe' 29 ta' Ottubru 2019. L-ispejjeż tħallashom is-soċjeta' konvenuta.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**

[26] Ix-xhud kien qed jagħmel referenza għal paġna 31 tal-atti tal-kawża.